# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ta' Sannat

# DISA' LEĠISLATURA

# Laqgħa Numru 61

14 t'Novembru, 2023

Il-Kunsilli Lokali Ta' Sannat iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz fi Triq Sannat, Ta' Sannat fis- 5.35pm

PREŻENTI:

Philip Vella – Sindku
Frances Galea – Viċi Sindku
Clayton Tewma – Kunsillier
Joseph Bajda – Kunsillier
Stephen Gauci - Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):

L-ambaxxatur taż-żagħżagħ hija ndisposta.

ASSENTI

n/a

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Marie Josette Vella Magro – Segretarja Eżekuttiva

# Aġenda Nru. 61

61.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;
61.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Nru. 59
61.3 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Nru. 60 – laqgħa b'urġenza
61.4 Aġġornament dwar il-proġett ta' pavimentar u rinovar ta' Pjazza Santa Margerita;
61.5 Komunikazzjoni mis-Sindku;
61.6 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri;
61.7 Komunikazzjoni;
61.8 Ilmenti u Suġġerimenti;
61.9 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti /2023;
61.10 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

## Minuti

Is-Sindku ppresjeda l-laqgħa wara li ntqalet it-talba tal-bidu.

## 61.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

61.1.1 Ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji

## 61.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Nru. 59

61.2.1 Il-Kunsill għadda mill-ewwel għal minuti tal-laqgħat preċedenti Nru. 59. Il-viċi Sindku saqsiet jekk il-minuti inbagħtux permezz ta' emejl għax hija ma rċivithomx. Is-Sindku qal li kull ma jrid iżid fil-minuti tal- laqgħa Numru 59, huwa li għal mistoqsija tal-kunsillier Tewma jekk inbidilx il-ħamrija tas-siġar, is-sindku wieġeb li l-ħamrija se tkun ġdida u hija responsabilta' tal-kuntrattur Xerri's Garden. Is-sindku qara xi punti mportanti mill-minuti tal-laqgħa li saret għal benefiċċju tal-kunsilliera li ma rċivewx il-minuti.

61.2.2 Il-Viċi Sindku saqsiet jekk il-ġibjun li nstab taħt iz-zuntier hux se jkompli jintuża, pero s-sindku wieġeb fin-negattiv u li saru xi katusi biex ma jaqax ilma fih. Il-kunsill kif kien issuġġeriet fl-laqgħat preċedenti qed jaħseb li dan il-ġibjun isir mużew, pero dan jiddependi x'se jsibu x'ħin jitħammel il-ġibjun u jaraw ikunx vijabbli. Naturalment, ukoll f'dan il-każ trid isir sistema ta' ventilazzjoni, liema sistema trid tiġi proposta fl-eventwalita mill-inġinier konċernat. Il-kunsill, jekk ic-cirkustanzi jkunu favorevoli li jsir mużew, se jitlob għal-fondi mill-Ministeru għal Għawdex, fejn is-sindku huwa persważ li l-ministeru mhu se jsibu l-ebda oġġezzjoni. Il-kunsillier Tewma saqsa fuq it-timeline biex dan ix-xogħol isir, bil-kunsill qed jistenna mingħand il-kuntrattur inkarigart. Rigward il-ġibjun l-ieħor li nstab fil-pjazza, dan se jkun integrat fil-proġett tal-pjazza, u l-ilma se jintuża għas-sistema ta' irrigazzjoni tas-siġar tal-pjazza.

61.2.3

Dawn il-Minuti ġew approvati unanimament mill-Kunsill preżenti, dawn ġew iffirmati mis-Sindku u mis-Segretarja Eżekuttiva.

## 61.3 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Nru. 60 – Laqgħa b'urġenza

61.3.1 Il-Kunsill għadda  għal minuti tal-laqgħa preċedenti Nru. 60 – laqġħa b'urġenza li dawn kienu tqassmu minn qabel u għalhekk ittieħdu bħala moqrija.Is-Sindku qal li fil-minuti jrid jiżdied li t-tender ta' l-għamara tas-sala tal-każin tal-banda jrid joħroġ permezz ta' l-'accelerated procedure'. Dawn il-Minuti ġew approvati unanimament mill-Kunsill preżenti, dawn ġew iffirmati mis-Sindku u mis- Segretarja Eżekuttiva.

## 61.4 Aġġornament dwar il-proġett ta’ pavimentar u rinovar ta’ Pjazza Santa Margerita

61.4.1 Is-Sindku beda l-aġġornament rigward ix-xogħol relatat mal-pavimentar ta’ pjazza Santa Margerita, fejn qal li beda jitpoġġa l-granit u qed isir ix-xogħol fuq il-‘parking bays’ quddiem il-każini u konsegwentament, għalhekk l-pjazza qed tieħu xejra differenti. Hawnhekk, is-segretarja eżekuttiva ġibdet l-attenzjoni li nnotat li l-pavimentar mhux kollu l-istess, u hemm roqgħa ta’ madum li jleqq iktar minn ieħor u dan jista jagħti l-fatt li jkun jiżloq. Is-Sindku qal li x-xogħol irid ikun ċertifikat minn naħa tal-perit, u fil-fatt is-sindku diġa tkellem mal-perit fejn ikkonferma li l-paviment huwa in regalo mat-tender maħruġ. Is-Sindku qal li din hi responsabilta’ tal-perit konċernat.

61.4.2 Is-Sindku kompla billi qal li sar il-gutter li huwa magħmul minn materjal reżistenti ħafna eżattament dak tal-lava. Rigward ir-‘recessed manholes covers’, il-kuntrattur qed jgħid li dawn għadhom ma waslux, pero huwa kunfidenti li dawn se jkunu disponnibli f’qasir żmien, għalkemm is-sindku rrimarka li dawn suppost li ġew qabel. Huwa rrimarka wkoll, li jekk il-bankini ma jkunux magħluqin u konsegwentement, għalhekk ikun baqa perikli għan-nies li jużaw iz-zona pedonali kif qed jiġi rrimarkat mil-‘health and safety officer, ma jistax jibda x-xogħol fuq it-triq għax l-bankini ma jkunux jistew jintużaw biex in-nies jgħaddu minn fuqhom. Il-perit, li ta’ min jirrimarka qed ikun spiss fuq il-post, ħareġ il-livelli meħtieġa, fejn instab li l-ġebla li nstabet fejn hemm il-ġibjun qegħda l-fuq mill-livell tat-triq. Għaldaqstant, il-perit se jagħmel works method statement u se jgħaddieh lill-SEH biex dan ix-xogħol ikun approvat. Il-perit qed jissuġerixxi li tinqala l-ġebla, jitbaxxa s-saqaf tal-ġibjun u eventwalment terġa titpoġġa l-ġebla biex tiġi livell mat-triq. Il-kunsillier Bajada saqsa hiex se titgħatta l-ġebla b’xi tip ta’ materjal. Is-Sindku stqar li fil-laqgħat preċedenti dejjem kien issuġġeriet li hemm ix-xewqa li titpoġġa ħġieġa, pero’, peress li l-ħġieġa parti minnha se tiġi fil-kareġġjata, iridu jaraw hux permess li jsir u anki possibilment li din tidher biss parti minnha. Il-kunsillier Tewma saqsa hux fattibbli li jitbaxxa s-saqaf tal-ġibjun u għal-fatt iridux jinqalew ix-xorok, pero s-sindku qal, li m’hemmx xorok, li kollox qijed ġol-blat.

61.4.3 Is-segretarja ezekuttiva qalet li l-pjazza ingirfet, bis-sindku jwieġeb li dan sar, jew biex ikun aktar faċli li jwaħħlu l-pavimentar biex jeħel iżjed, inkella biex jikkoreġu l-livelli. Hija wkoll saqsiet li fil-pjazza hemm qisu tumbata ta dislivell, pero s-sindku rrimarka li hemm il-livelli tal-bankini li jimxu magħhom u anki għandhom strumenti preċiżi biex ikejlu l-livelli. Il-kunsillier Tewma saqsa fuq il-bonavostri taz-zuntier kif ukoll fuq id-dawl tal-faċċata tal-knisja. Is-Sindku kkonferma li l-kunsill qed jistenna s-samples tal-bonavostri mingħand il-kuntrattur,fejn is-sindku kien ċar ma-kuntrattur li jekk is-sub contractor mhux se jaqdihom, isibu xi ħadd ieħor. Pero l-kuntrattur huwa kunfidenti li meta titlesta s-sample, dawn mhux se jdumu biex jinħadmu. Rigward id-dawl tal-binja tal-knisja, l-kuntrattur jista jibda u anki fil-fatt id-dawl mal-koppla u l-faċċata tal-knisja għandu f’moħħu li jibda dan ix-xogħol xahar ieħor. Il-Kunsillier Bajada stqar li fl-opinjoni tiegħu x-xogħlijiet bħalissa għaddej b’ritmu kemmxejn kajman. Fil-fatt, is-Sindku kkonferma li illum ma sarx xogħol ta’ pavimentar tal-bankini, għax ma l-kuntrattur ma kellux ħaddiema disponibbli biex jiftħu l-lant tax-xogħol. Pero, huwa rrimarka li ġibed l-attenzjoni tal-kuntrattur, u anki ssuġerixxa li seta’ jsir xi xogħol ieħor bħal wara l-knisja, ħdejn l-istatwi l-qodma u r-restorant ta’ triq ta’ Ċenċ fejn jistew isiru l-‘parking bays’.

61.4.4 Il-Kunsillier Gauci saqsa li jekk f’cirkustanzi li jkun hemm xi toroq magħluqin, ikunx possibli jgħaddux żewġ karozzi biex idur minn wara l-knisja li tagħti għal triq Dun Xand Aquilina jew inkella viċe-versa. Is-Sindku qal li huwa wkoll xettiku pero’ l-perit qal li hu mexxa ma’ l-istandards maħruġa minn Transport Malta, li huma rrikomandat li jkunu il-wisa’ tat-toroq. F’dawn iċ-ċirkustanzi, ma’ jistax isir parking man-naħa tal-każini, kif ukoll kif dejjem jiġri, ikun hemm uffiċċjal tat-transport Malta. Is-Sindku fakkar li l-kunsill ħa l-fondi biex jitkabbar iż-żona pedonali u tkun iktar aċċessibli bl-inqas periklu u nkonvenjent.

61.4.5 Is-Sindku spiċċa l-aġġornament billi qal li bdew jittaqbu t-toqob f' Sannat Road biex jgħaddu l-cables minn taħt l-art. Tmenin fil-mija tax-xogħolijiet huwa lesti, bil-kumplament tax-xogħol se jsir malli l-enemalta ikolla il-cables disponibbli biex jitkompla x-xogħol. Huwa rrimarka li l-kunsill bagħat ittra lir-residenzi konċernati li se jsir xi xogħlijiet relatati. Kien hemm xi żewġ residenti li kienu qed joġġezzjonaw, pero l-kunsill rnexxilu jikkonvinċihom.

## 61.5 Komunikazzjoni mis-Sindku

61.5.1 Il-Ħadd 19 ta' Novembru se tiġi organizzata l-attivita marbuta mal-'World Children's Day' fi pjazzetta Cocco Palmieri, li tibda mill-12.30pm sal-ħamsa ta' flgħaxija. Is-Sindku qal li se jitqassam fuljett fl-iskejjel t'Għawdex kollu, wara li l-kunsill rċieva l-approvazzjoni mingħand il-prinċipal tal-kulleġġ. Dan il-fuljett se jkun fih informazzjoni fuq ħinijiet, post u attivitajiet li li se jkun hemm dak inhar.

61.5.2 Resqin lejn żmien il-Milied u l-kunsill beda jaħseb fuq l-attivitajiet marbuta ma' dan iż-żminijiet fosthom ir-rigal lill-anzjani, ħarġa għall-Malta lill-anzjani (tentattiv fil-11 ta' Diċembru) fejn huwa maħsub li jżuru diversi Christmas Markets, wirjiet ta' presepji, kif ukoll kif inhu xieraq imorru Ħaż Żebbuġ peress li ftit jiem ilu, ġie grupp minn dan ir-raħal. Hemm ukoll maħsub, bħal ma ġie organnizzat fi snin preċedenti, l-party tat-tfal fis-26 ta' Diċembru, kif ukoll ħarġa għal anzjani, din id-darba f'Għawdex stess, fejn ikollhom xi tombla etc. Il-kunsillier Tewma saqsa jekk din il-ħarġa hiex se tkun bil-ferrovija. Is-Segretarja Eżekuttiva qalet li l-kunsill irid joqgħod attent għal-ispejjeż marbuta, bis-Sindku jgħid, li l-anzjani għal din l-attivita joħorġu xi miżata żgħira u hekk l-ispejjeż ikunu minimi. Għal din il-ħarġa, l-ewwel preferenza se tkun għan-nies tal-lokal, pero jekk ikun baqa' xi postijiet disponibbli jista jkun hemm anzjani oħra mhux mir-raħal. Għaż-żagħżagh, l-kunsill qed jipproponi li jkun hemm ġita għal Malta, fejn ikunu jistew imorru fost l-oħrajn l-'Laser Tag', u anki xi postijiet kulturali oħra.

61.5.3 Is-Sindku qal li llum stess fil-kunsill ġie l-awtur is-Sur Paul John u rregala tlett kotba mil-pinna tiegħu – 'L-Oroskopju', 'L-Ispiritwalita'' u 'r-Rakkonti'. L-awtur jixtieq li kull kunsill ikollu xogħol mill-pinna tiegħu u s-sena d-dieħla se jkollu xi volumi ġodda. Is-Sindku kompla li bħala kunsill, dejjem investa f'selezzjoni vasta ta' kotba għall-librerija u zgur li l-kunsill ikun interessat li jixtri kotba ġodda. Xi ħaġa oħra rigward kotba, is-Sa Consiglia Azzopardi persuna mir-raħal ta' Sannat, għandha erbgħa kotba relatati mas-snajja tal-bizzilla.It-titli ta' dawn il-kotba jinkludu 'Gozo lace Introduction', 'Gozo lace patterns by Diacono', 'Lace patterns 2000-2010', u 'Maltese lace - History and myths'. Il-prezzjiet ta' dawn il-kotba li ġie offrut lill-kunsill huwa bi prezz ridott, li jammanta għat-total ta' €214.00. Il-kunsill qabel li dawn għandhom jinxtraw u jitqegħdu fil-librerija, fejn saħaq, li l-kunsill dejjem lest li jissaportja awturi mir-raħal ta' Sannat.

61.5.4 Is-sindku kellu laqgħa ma' tad-DPF rigward il-playing field Ta' Triq Marżiena. Id-dipartiment informa lis-sindku, li it-tender irid ikun ħareġ biex wieħed japplika għal-fondi u l-kunsill irid jibgħat l-actual BOQ's ħalli jkunu jafu l-ammont eżatt mitlub. Kien hemm diskussjoni fuq il-proġett ta' Pjazza Cocco Palmieri, biex l-agreement preżenti jiġi ikkanċellat, u jsir talba ġdida biex is-service culvert jiġi nkorporat fil-proġett. Pero', is-sindku kompla, li ta' min isemmi li s-service culvert jista ma jkunx inkluż. Ir-raġunijiet li se jsir is-service culvert huma validi, peress li hemm wires li qed jgħaddu quddiem gallariji ta' residenzi privati li huma ta' perikli. Tenders tal-paving u tas-service culvert il-kunsill diġa għandu, u għalhekk irid joħroġ it-tender ta' l-għamara u tal-poles tad-dawl. Dawn jistew jinġabru tlett kwotazzjonijiet u jiġu aġġudikati. Se jinħarġu t-tenders tal-playing field, pjazza Cocco Palmieri u tal-belvedere ta' 28 t'April. Rigward id-dawl artifiċjali tal-belvedere, it-tender irid inkun in regola mal-'public green procurement'. L-inġinier se jissuġerixxi l-specs għal dan it-tender, u anki id-dipartiment tad-DPF offra s-servizz li l-kunsill jista jibgħat l-ispesifications tad-dawl mitluba fit-tender, u mid-dipartiment jagħtu l-opinjoni tagħhom. Il-

kunsillier Tewma saqsa fuq ir-railings preżenti tal-belvedere ta' 28 t'April. Is-Sindku qal, li kif kien issuġġeriet f'xi laqgħa preċedenti dan se jibqa jinżamm, li forsi jista' jiċċaqlaq iktar lura u jiġi sprenjat.

## 61.6 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

61.6.1 Is-Sindku staqsa lill-Kunsillieri jekk kienx hemm xi mistoqsijiet.

61.6.2 Ma kienx hemm mistoqsijiet.

## 61.7 Komunikazzjoni

61.7.1 Is-Segretarja Eżekuttiva qalet li l-kunsill rċieva kwotazzjonijiet marbuta mat-tiżjin tal-Milied ta' Sannat Road. L-ewwel kwotazzjoni hija ta' €2832.00 li mhix inkluża l-kirja tal-kaxxa tad-dawl ta' l-Enemalta u l-pilastri biex jintrema t-tiżjin fuqu. Kwotazzjoni oħra li daħlet tammonta għal €3160.00 mingħajr il-VAT, li tinkludi wkoll il-pilastri u l-ispejjeż relatati mal-konsum tad-dawl. Il-kunsilliera huma tal-fehma li dan id-disinn huwa iktar ikkulurit u għalhekk qablu flimkien li jmorru biex jaġġudikaw din il-kwotazzjoni anki għal-fatt li hija l-aktar ekonomikament favorevoli. Is-Sindku saqsa lill-kunsillieri x'jaħsbu fuq it-tiżjin tal-Milied rigward il-pjazza Santa Margerita. Is-Segretarja Eżekuttiva ssuġġeriet li jsir dawl mas-siġra l-kbira, pero' dan mhux possibbli la bħalissa qed tingħata xi trattament spesifiku biex tirkupra. Il-kunsillier Tewma stqar li kif il-bankini tal-pjazza se jkunu lesti, jista' jsir xi tiżjin li jikkumplimenta id-dawl li se jkun hemm f'Sannat Road. Għalhekk il-kuntrattur, li se jagħmel it-tiżjin ta' Sannat Road se jintalab biex jagħti kwotazzjoni addizzjonali biex iżid it-tiżjin fil-pjazza, eżattament fuq il-bankini. Id-dawl tal-Milied se jinxtegħel fl-1 ta' Diċembru.

61.7.2 Il-kunsill rċieva korrispondenza mingħand il-kumpanija Vella Bros. fuq kont pendenti li oriġinalment kien ta' xi €45,000.00. Kien sar xi pagament kontrih fl-2022 u issa l-bilanċ qiegħed ta' madwar €35,000.00. Is-Sindku qal, li llum stess kellu laqgħa ma' tad-DPF, fejn saqsihom jekk jintilfux xi fondi jekk proġett ikun ilu li sar. Rappreżentant tad-dipartiment tad-DPF, assigura lill-kunsill, li l-fondi ma jiġux mitlufa, u dawn jgħaddu lill-kunsill mal-preżentazzjoni tal-claims marbuta max-xogħlijiet, jiġu vverifikati u mgħoddija għal-pagament. Il-kunsill għadu qed jistenna dawn il-claims mingħand il-kuntrattur partikulari, liema claim, tintela b'mod elettroniku u tkun iċċertifikata minn naħa tal-perit nkarigat.

61.7.3 Il-banda Santa Margerita talbet lill-kunsill is-somma ta' 500euro biex jiffinanzja l-kunċert u l-festin żgħir li jsir f'dawn iż-żminijiet tal-Milied. Il-kunsill qabel biex tingħata din l-għajnuna li jsir ta' kull sena. Is-Sindku qal lis-segretarja li kull sena fis-sala tal-kunsill, jiġu mistieda l-għaqdiet tar-raħal u jkun hemm riċeviment żgħir u skambju ta' l-awguri. Dak inhar, il-ħaddiema tal-kunsill jidħlu xogħol biex jgħinu tittella din l-attivita. Is-segretarja eżekuttiva ntalbet biex tiġbor kwotazzjonijiet relatati ma' din l-attivita.

61.7.4 Is-segretarja eżekuttiva qalet li l-kunsill rċieva korrispondenza minn naħa tal-WasteServ, biex jara jekk il-kunsill hux interssat jieħu sehem f'kompetizzjoni bi premju ta' €1000.00, li tinvolvi ġbir ta' skart riċiklabbli. Pero', is-segretarja qalet li x'ħin din ġiet diskussa flimkien mas-sindku, kien hemm qbil li biex xogħol involut f'din il-kompetizzjoni, mhux vijabbli minn naħa tal-kunsill. Is-sindku qal li l-problema fir-raħal rigward skart ġejja minn xi sidien barranin u postijiet ta' akkomodazzjoni għal-kiri. Il-'Community Policeman', qed jara li n-nies jimxu mar-regolamenti marbuta ma ħrug ta skart fit-triq mhux fil-ġurnata allokata, u anki ħabbat il-bieb ta' residenzi privati biex iwissi, kif ukoll jispjega u jinsisti fuq l-importanza li dawn ir-regoli jiġu mħarsa.

61.7.5 Il-kunsill rċieva korrispondenza minn naħa tad-dipartiment tal-kunsill lokali, biex il-proġetti li jkunu approvati jitlestew fi żmien stipulat.

61.7.6 Se jsiru sett ta' seminars li huma addattati għal-nies ta' ċertu eta', ħaddiema li jaħdmu fil-kunsilli lokali, entitajiet, u oħrajn għal pubbliku in ġenerali fid-9 u 16 ta' Novembru rispettivament.

61.7.7 Il-kunsill rċieva emejl biex jiġi ssottomess ir-rapport finanzjarju, u għalhekk se jagħrfu lis-Sa Pauliana Said responsabbli mill-affarijiet finanzjarji tal-kunsill.

61.7.8 Korrispondenza oħra li rċieva l-kunsill, hija li kull tender li se tinħareġ li tinvolvi xi tip ta' kostruzzjoni, iridu jiġu ppreżentati l-liċenzja meħtieġa minn nies involuti biex isiru dawn ix-xogħlijiet.

61.7.9 Is-CRPD informa lill-kunsill li l-kummissarju għad-drittijiet ta' persuni b'Diżabilta' nbidlet u anki qed joħorġu nformazzjoni ġdida relatata ma' dan il-qasam. Is-segretarja eżekuttiva ssuġġeriet li din it-tip ta' informazzjoni tiġi uploaded fuq il-facebook page tal-kunsill. Is-Sindku qal li għandu jkun miktub ċar li dawn il-permessi jew benefiċċji in kwistjoni huma responsabilta tas-CRPD.

61.7.10 Komunikazzjoni oħra biex tfakkar lill-kunsill fuq il-kampanja ta' ġbir ta' batteries użati bħal ma jsir fl-iskejjel.

61.7.11 Il-kunsill ġie mistieden għal launch tal-program Interreg Italy –Malta ffinanzjat mill-European Regional Development Fund.

61.7.12 Korrispondenza oħra li rċieva l-kunsill, hija fuq is-'sustainable mobility' – bl-użu ta' shared transport.

61.7.13 Il-kunsill rċieva wkoll dawn l-imejls t'hawn taħt;

E-mails – Reġjun Għawdex
November 2023

1 ta' Novembru 2023 – ATTN: Introductory Course on Librarianship organized by the Malta Library and Information Association (MaLiA)
2 ta' Novembru 2023 – Taħdita dwar il-kunjomijiet f' Għawdex
6 ta' Novembru 2023 – Re: PATRIOTISM = ANTI-RACISM Event to be held in Gozo
6 ta' Novembru 2023 – Social Media setup

E-mails – Local Council Association
November 2023

2 ta' Novembru 2023 – Cir AKL 2023/094 – Laqgħa mad-Delegazzjoni tal-Maċedonja u l-Kunsilli Reġjonali il-Ġimgħa, 3 ta' Novembru 2023
3 ta' Novembru 2023 – Cir AKL 2023/095 – Mixja President u Xiri ta' T-Shirts

3 ta' Novembru 2023 – Cir AKL 2023/096 – Back to basics – giving attention to the simplest and most important matters 25/11/2023

## 61.8 Ilmenti u Suġġerimenti

61.8.1 Il-Kunsill irċieva imejl mingħand residenta partikulari li toqgħod fi Triq il-Kbira fejn qalet li iktar minn sena ilu talbet li ssir rampa fil-bankina, peress li raġel tagħha qiegħed go wheelchair. Hija qed tistaqsi għaliex għadu ma sar xejn. Hija qed titlob li din ir-rampa ssir mil-aktar fis possibbli. Is-Sindku qal li din ma saritx għax il-bankina inkwistjoni hija għolja ħafna kif ukoll hemm numru ta' għetiebi. Hemm ukoll il-fatt li din ir-rampa proposta taffetwa terzi persuni. Il-kunsill qabel, li l-perit ikellem lil dawn ir-residenti u jfehmhom b'mod tekniku u anki possibilment jagħtihom soluzzjonijiet alternattivi. L-istess kontenut ta' l-imejl in kwistjoni, ġiet mibgħuta permezz ta' imejls oħra mingħand persuni oħra relatati. L-argument ta' dawn ir-residenti, huwa li qed jieħdu xi ritratti ta' bankini oħra, pero' dawn saru privatament u mhux mill-kunsill. Naturalment, anki biex isir xi tip ta' struttura, irridu l-permessi minn Transport Malta u skond il-linji gwida maħruġa mis-CRPD.

61.8.2 B' referenza għall-ilment numru 35/2023, residenta li toqgħod fi Triq il-Kbira, ilmentat rigward mera mkissra fi Triq il-Kbira kantuniera ma Triq Bardan. Is-Sindku qal li din ġiet ordnata u se teħel fil-jiem li ġejjin.

61.8.3 Is-segretarja eżekuttiva, semmiet lista ta' permessi ġodda, sanzjonijiet u tiġdid ta' permessi mill-Awtorita' ta' l-ippjanar fir-raħal ta' Sannat.

61.8.4 Is-segretarja eżekuttiva qalet li l-kunsill rċieva lista ta' xogħlijiet li jridu jsiru fir-raħal mingħand l-Intervention team fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex, kif ukoll hemm ikkupjati fil-korrispodenza d-dipartiment tal-Local Councils Malta. Is-Sindku qal li kellu komunikazzjoni ma' persuni kkonċernati fi ħdan dan it-team, fejn spjega li ħafna mill-ilmenti mibgħuta, l-kunsill diġa ntervjena fosthom qtugħ ta' ħaxix ħażin u ġbir ta' skart illegali. Huwa saħaq li l-kunsill huwa ffukat fuq il-ħidma tar-raħal u mhux fuq affarijiet li l-kunsill mgħandux kontroll fuqhom. Is-Sindku talab lis-segretarja eżekuttiva biex tibgħat korrispondenza fejn tisħaq li dawn l-ilmenti ġew innutati u qed tittieħed azzjoni.

61.8.5 Is-segretarja eżekuttiva saqsiet fuq il-bins taż-żibel, li mhumiex jiġu mnaddfa kif kien miftiehem. Is-sindku qal li l-kunsill irid jagħmel kuntatt mal-kumpanija 'Green Tech' biex ikellem ill-kuntrattur li għandu t-tender f'idejh.

61.8.6 Il-bankijiet ta' Triq Dun Luqa jridu jinbidlu u għalhekk iridu jinġabru tlett kwotazzjonijiet skond kif stipulat biex dawn ikunu jistew isiru ġodda**.**

## 61.9 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda t.a' pagamenti 10/2023

61.9.1 Is-Segretarja Eżekuttiva resqet l-iskeda ta' pagamenti Nru. 10 li ntbgħatet permezz ta' imejl biex dawn il-kontijiet jiġu approvati mill-Kunsill. Din ġiet moqrija mill-Kunsillier Gauci. Is-Segretarja Eżekuttiva qalet li

dawn il-pagamenti għandhom jitħallsu bis-sistema tal-Internet Banking. Din l-iskeda ġiet ipproponuta mill-Kunsillier Steven Gauci u ssekondata mill-Kunsillier Clayton Tewma. L-iskeda kif ippreżentata ġiet aċċettata mill-Kunsill. Kopja ta’ din l-iskeda approvata qed tinhemez ma dawn il-minuti ta’ din il-laqgħa.

## 61.10 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta tal-laqgħa li jmiss

Il-laqgħa ntemmet fil -7.05pm u ġiet aġġornata għal nhar it- Tnejn 18 ta’ Diċembru, fis-1.30 pm.

Konfermati, illum 18 ta’ Diċembru 2023.

Iffirmati

Philip Vella
Sindku

Iffirmati

Marie Josette Vella Magro
Segretarja Eżekuttiva